**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2017**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 169/2014**

**L-Awtorita ghat-Trasport f’Malta**

**vs**

**Martin Cachia u**
**b’digriet tas-26 ta’ Lulju 2016**
**Dr Leontine Calleja u P.L. Liliana Buhagiar**
**gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw**
**lil-eredita giacenti tal-konvenut Martin Cachia**
**li miet fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita tal-21 ta’ Frar, 2014 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenut huwa l-operatur tal-bastiment tas-sajd (fishing vessel) Prince Al Bahhar [kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni Dok. TM1] illi prezentement jinsab qieghed [laid up] fl-ibhra territorjali Maltin wara li gie mizmum mill-Pulizija fl-isfond ta' investigazzjoni dwar traffikar tad-droga.

2. Illi l-Awtorita hija kreditrici tal-konvenut fis-somma totali ta' wiehed u ghoxrin elf tlett mija u erbgha u tletin ewro (€21,334) konsistenti fi drittijiet portwali dovuti skond il-ligi, principalment drittijiet ta' rmigg [berthage dues] u drittijiet ghal bastimenti qieghda [laid up dues].

3. Illi l-ammonti dovuti jirrizultaw mill-istatement of account datat 6 ta' Frar, 2014 anness bhala Dok. TM2.

4. Illi l-konvenut gie interpellat ihallas l-ammonti minnu dovuti, inkluz b'ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 (Dok. TM3), izda din giet kontestata u l-konvenut baqa' inadempjenti.

5. Illi l-ammonti dovuti qeghdin kostantament jizdiedu, u l-Awtorita esponenti tirriserva illi tipprocedi wkoll ghal ammonti ulterjuri illi jistghu jsiru dovuti.

6. Illi ghall-iskopijiet ta' din il-kawza, l-Awtorita esponenti mhijiex qed tinkludi fit-talba taghha l-pretensjonijiet taghha fir-rigward ta' drittijiet ghal bastiment qieghda [laid up dues], li b'kollox jammontaw ghal €2,040 b'dan illi qed tillimita t-talba taghha ghall-bilanc ta' dsatax-il elf mitejn u erbgha u disghin ewro (€19,294).

7. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-Awtorita attrici umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta fis-somma ta' dsatax-il elf mitejn u erbgha u disghin ewro (€19,294) bilanc minn somma akbar, konsistenti fi drittijiet portwali dovuti skond il-ligi, principalment drittijiet ta' rmigg [berthage dues];

(ii) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita attrici l-imsemmija somma ta' dsatax-il elf mitejn u erbgha u disghin ewro (€19,294);

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunta ghas-subizzjonl.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita attrici u dan stante li l-fatti kif allegati mill-Awtorita huma totalment skorretti u dan stante li l-eccepjenti mhuwiex sid il-peskeregg Prince al Bahaar apparti fatti ohra li ser jirrizultaw tul il-kors tat-trattazzjoni tal-kaz;

2. Illi fic-cirkostanzi huwa opportun li jigu kjamati in kawza l-Kummissarju tal-Pulizija wara t-talba minnu maghmula sabiex jigu konfiskati b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobbli u immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu f'dan il-kaz lill-eccepjenti fosthom il-peskeregg Prince al Bahaar u d-Direttur tal-Qrati Kriminali li wara t-talba maghmula mill-Pulizija Ezekuttiva gew effettivament konfiskati l-assi tal-eccepjenti, inkluz il-peskeregg li ghalih l-Awtorita qeghda titlob il-hlas konsistenti fi drittijiet portwali, liema peskeregg qieghed jinzamm taht l-awtorita tal-Qrati Kriminali u mhux fil-pussess jew taht l-Awtorita tal-eccepjenti;

3. Illi in oltre l-fatt illi l-eccepjenti mhuwiex sid il-peskeregg jrid jinghad ukoll illi fil-mument illi harget l-ordni ta' konfiska tal-peskeregg, il-bastiment de quo ma baqghax fil-pussess tal-eccepjenti li kien il-Kaptan/Agent tal-peskeregg, izda dan ghadda taht l-Awtoritajiet koncernanti li ghalihom qeghda ssir it-talba sabiex jigu kjamati in kawza

u jwiegbu huma ghat-talba ghal hlas li qeghda ssir da parti tal-Awtorita Ghat-Trasport F'Malta;

4. Illi kif ben eccepiet l-Awtorita Ghat-Trasport F'Malta, l-eccepjenti huwa l-operatur tal-peskeregg li gie mizmum mill-Pulizija fl-isfond ta' investigazzjoni dwar traffikar tad-droga u mhuwiex is-sid tal-peskeregg;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, se mai l-eccepjenti ghandu jkun mizmum responsabbli ghaz-zmien u l-perjodu li l-peskeregg Prince al Bahaar kien ghadu taht l-awtorita tieghu bhala Kaptan/Agent, izda mill-gurnata tal-konfiska jigifieri minn Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) il-peskeregg ma baqghax taht l-Awtorita tal-eccepjenti imma ghadda taht l-Awtorita tal-Qorti Kriminali (vide att ta' akkuza Dok. 'A' u Dok.'B' annessi);

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u l-provi kollha prodotti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-Awtorita qed tirreklama drittijiet ta' rmigg u port dues ghal bastiment Prince Al Bahhar bejn it-13 ta' Mejju 2013 u l-4 ta' Frar 2014 (ara document a fol. 9 tal-process), cioe f'perjodu fejn il-bastiment tas-sajd kien mizmum taht l-awtorita tal-pulizija fl-isfond ta' investigazzjoni fil-konfront tal-konvenut fuq traffikar ta' droga.

Skond Dr Christopher Spiteri, senior manager legal affairs tal-Awtorita, jirrizulta illi skond il-Kap. 499 cioe l-Att dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, l-Awtorita ghandha l-obbligu li tipprovdi facilitajiet adegwati fil-portijiet ghal servizzi marittimi fosthom dak ta' rmigg. Skond il-Kap. 352 cioe l-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti l-Awtorita ghandha dritt tigbor ir-rati jew hlasijiet ghal tali servizzi skond ma jipprovdu r-regolamenti mahruga taht l-Att.

Ir-responsabilta ghal dawn il-hlasijiet hi tal-kaptan jew sid il-bastiment jew l-agent tal-bastiment li jkun hallas jew ha r-responsabilta li jhallas akkont ta' dak il-bastiment. F'dan il-kaz jirrizulta illi fid-dikjarazzjoni IMO General Declaration uzata internazzjonalment biex tinghata informazzjoni dwar bastimenti li dehlin fl-ibhra territorjali (ara regolament 4 tal Port Regulations mahruga taht il-Kap. 352), l-istess Martin Cachia ddikjara ruhu agent tal-bastiment. Dan jirrizulta mid-dokument a fol. 6, 7 u 8 tal-process. Il-bastiment dahal f'Malta fid-29 ta' Lulju 2013, meta nzamm milli jerga' jopera minhabba, kif intqal, investigazzjoni kriminali li kienet ghaddejja.

Ix-xhud spjega fid-dettal l-ammonti relatati ma' drittijiet ta' rmigg u ta' ankragg u security services waqt l-irmigg f'Barrier Wharf. L-Awtorita ma kinitx qed tinsisti fuq il-'laid up dues' waqt li l-bastiment kien 'qieghed' fil-port minhabba c-cirkostanzi madwar il-kaz bla ma l-istess Awtorita kienet qed tirrinunzja ghad-dritt dwarhom. F'dan il-kuntest ara l-affidavit ta' Dr Christopher Spiteri a fol. 50, 51 u 52 tal-process. Ix-xhud izid illi l-ammont dovut baqa' jizdied maz-zmien izda t-talba kienet qed tigi limitata f'dan l-istadju ghall-ammont mitlub fil-kawza u ghal perjodu hemm indikat.

Ma hemm ebda prova li turi li l-ammonti mitluba mhumiex dovuti ghax mhux permessi mir-regolamenti. Jirrizulta illi t-talba attrici tibda minn qabel id-29 ta' Lulju 2013, peress illi l-ewwel invoice tmur ghat-13 ta' Mejju 2013, pero dawn l-invoices jirrigwardaw dejjem hlasijiet ghal rmigg tal-istess bastiment mibghuta lil konvenut.

Il-konvenut xehed li hu l-agent tal-bastiment u kien johrog bil-bastiment fuq negozju xi darbtejn fil-gimgha. Meta kien jidhol lura kien jirmiggja f'post partikolari fil-Marsa taht il-power station mikri lilu fejn kien jinghata s-servizzi ta' dawl u watchman u l-hlas kien moderat cioe xi €600 fix-xahar fejn irmiggi ohra huma oghla. Zied li meta kien dahal fl-irmigg tas-soltu gew il-pulizija, hadulu pussess tal-bastiment u qalulu jmur jirmiggja fejn jghidulu cioe d-dockyard. Hu pprotesta minhabba l-ispiza zejda. Minn dak iz-zmien ma reghax ha l-pussess tal-bastiment pero jaf li zmien wara hadu lura s-sid. Hu esebixxa flimkien mar-risposta guramentata l-att ta' akkuza kontrih inkluz ordni ta' iffrizar tal-assi tieghu.

L-artikolu 14 tal-Kap. 352 jghid illi l-Awtorita ghandha dritt tigbor id-drittijiet dovut skond il-ligi minghand il-kaptan jew is-sid, jew l-agent tal-vapur li hallas jew inkariga ruhu ghal hlasijiet f'isem il-vapur. Ghalkemm l-Awtorita tistrieh bhala prova tar-responsabilta fuq id-dikjarazzjoni 'IMO' li fiha Martin Cachia ddikjara ruhu agent tal-vapur, pero l-istess Awtorita ma gabet ebda prova illi Martin Cachia kien ihallas jew inkariga ruhu li jhallas f'isem il-vapur. Madankollu ghalkemm l-Awtorita qed tistrih fuq in-nomenklatura ta' 'agent' bhala fonti ta' responsabilta, l-istess konvenut fir-risposta guramentata tieghu fir-raba' u hames paragrafi jammetti li hu l-operatur, il-kaptan jew agent tal-vapur. Kwindi f'tali kwalita cioe kaptan minnu ammessa r-responsabilta ghal hlasijiet ta' drittijiet ta' rmigg u dawk portwali hi pruvata.

Ma hemm ebda prova da parti tal-konvenut illi l-ammonti reklamati mhux addebitati skond il-ligi ghaz-zmien mitlub mill-Awtorita. Pero l-konvenut iressaq zewg argumenti biex jirribatti li l-ammont reklamat ma ghandux ibati ghalih hu. Hu jissottometti illi fejn kien jirmiggja regolarment sad-29 ta' Lulju 2013, kien ihallas rata' moderata u illi wara din id-data gie mgieghel mill-pulizija jirmiggja fid-Dockyard fejn ir-rati ta' rmigg huma hafna oghla. Semmai f'kaz ta' sejbien ta' responsabilta ghal xi hlas din kellha tippersisti biss sa meta l-pulizija haditlu l-kontroll tal-bastiment minn idejh. In oltre hu gie mnezza mill-pusses materjali tal-bastiment u ghalhekk ma kellux kontroll fuqu. Ghalkemm talab ik-kjamata fil-kawza tal-Kummissarju tal-Pulizija ma ssostanzjax ir-raguni tat-talba u l-Qorti waqfet tikkunsidraha b'digriet tal-10 ta' Lulju 2014.

Il-Qorti ma tqis l-argument tal-konvenut bhala gustifikat. It-tnehhija tal-pussess minn idejn il-konvenut saret skond il-ligi minhabba investigazzjoni tal-pulizija in konnessjoni ma sejbien ta' droga u garr ta' flus mhux awtorizzat fejn l-istess bastiment gie allegat li kien l-ghodda li bih sehh ir-reat u ntalbet il-konfiska tieghu f'kaz ta' sejbien ta' htija, u dan kif jirrizulta mill-akkuza kontra l-konvenut a fol. 34 tal process. L-artikolu 69(1) tal-Kap. 37 jghid hekk:

> Il-bastimenti, l-oggetti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali jew hwejjeg ohra suggetti ghal konfiska, jistghu jigu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-bahar, minn kull ufficjal tad-dwana jew tal-Pulizija, u meta dawn il-bastimenti, oggetti, vetturi jew mezzi ohra ta' garr flimkien maz-zwiemel u annimali u hwejjeg ohra jigu hekk maqbuda, ghandhom jitqieghdu minnufih taht idejn il-Kummissarju jew b'xi mod iehor jitpoggew f'qaghda sikura fejn il-Kummissarju jkollu kontroll.

In oltre r-relazzjoni guridika f'kaz ta' irmigg tibqa dik li taghti l-ligi cioe bejn l-Awtorita u s-sid, il-kaptan jew l-agent. Is-servizz nghata lil wiehed minn dawn il-persuni u ghalhekk jirrispondi ghal hlas il-persuna li lilu nghata s-servizz cioe s-sid, il-kaptan jew l-agent, u dan kemm jekk dan is-servizz intalabx b'mod volontarju jew ghax mgieghel b'effett tal-ligi. Sta ghal konvenut qua kaptan jew agent tal-vapur skond il-kaz li jekk iqis li l-mizura addottata ta' rmigg mill-pulizija kienet wahda eccessiva allura li jfittex lil pulizija ghal dan. Pero l-fatt innifsu tal-irmigg sar skond il-ligi u stabilixxa relazzjoni diretta bejn l-Awtorita li ghandha l-poteri u d-doveri li tipprovdi servizzi marittimi moghtija u l-persuna responsabbli ghal bastiment u konsegwentement ghal hlas ta' tali servizzi.

Ghalhekk il-Qorti tqis l-eccezzjonijiet tal-konvenut ingustifikati.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tal-Awtorita tat-Trasport u tikkundanna lil konvenut ihallsu lil Awtorita ghat-Trasport f'Malta is-somma ta' €19,294, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur